**MINUTI - LAQGĦA TAL-KUNSILL**

**IT-TMIEN KUNSILL**

**SEDUTA NRU. 18 – L-ERBGĦA, 6 TA' LULJU 2016**

Il-Kunsill iltaqa' fl-uffiċċju amministrattiv tiegħu fi Triq San Pawl, San Pawl il-Baħar mis-19:00 sat-20:00.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti: | Graziella Galea | Sindku |
| | Alfred Grima | Kunsillier |
| | Raymond Tabone | Kunsillier |
| | Paul Bugeja | Kunsillier |
| | Anne Fenech | Kunsillier |
| | Robert Piscopo | Kunsillier |
| | Joseph Vella | Kunsillier |
| | Antoinette Bezzina | Kunsillier |
| | Stephen Cremona | Kunsillier |
| | Daniel Grima | Kunsillier |
| | Paul Gatt | Aġent Segretarju Eżekuttiv |
| Skużati: | David Thake | Viċi Sindku |
| | Mandy Buhagiar | Kunsillier |
| | Matthew John Barbara | Kunsillier |
| Assenti: | Simone Aquilina | Chairperson KAB |

*Il-laqgħa kienet qed tiġi trasmessa dirett.*

1. **APOLOĠIJI**

1.1. L-Aġent Segretarju Eżekuttiv (SE) informa li l-Viċi Sindku u l-Kunsillieri Buhagiar u Barbara infurmawh li ma setgħux jattendu. Kopji tal-emails annessi f'A.

1.2.

2. **APPROVAZZJONI TAL-MINUTI**

2.1. Minħabba li l-laqgħa saret speċifikament biex il-Kunsill jiddiskuti l-ingaġġ ta' Segretarju Eżekuttiv u l-problema tal-latrini, ma kienux ippreżentati l-minuti tal-laqgħa li saret il-Ħamis ta' qabel.

3. **INGAĠĠ TA' SEGRETARJU EŻEKUTTIV**

3.1. L-Aġent SE ippreżenta rapport tal-Bord tal-Għażla għall-kariga ta' Segretarju Eżekuttiv.

3.2. Is-Sindku pproponiet li l-Kunsill japprova r-rapport tal-Bord tal-Għażla. Issekkonda l-Kunsillier Vella.

3.3. Kien spjegat li mill-applikanti kienu ħamsa biss li attendew għall-intervisti u li kollha kemm huma kienu ta' livell għoli. Infatti fuq dan kien hemm qbil unanimu fil-Bord li qabel b'mod unanimu wkoll fuq l-aħjar tliet persuni. Ma kienx hemm qbil unanimu però fuq l-għażla tal-persuna nnifisha.

3.4. Minħabba kwistjonijiet ta' protezzjoni tad-data, għal xi ħin tad-diskussjoni u biex ikunu mwieġba mistoqsijiet mill-Kunsillieri, intfew il-mikrofoni.

3.5. Meta l-Kunsill għadda għall-vot il-Kunsillier A Grima astjena, l-Kunsillieri Tabone u Cremona vvutaw kontra filwaqt li s-Sindku u l-Kunsillieri Vella, Bugeja, Fenech, D Grima, Bezzina u Piscopo vvutaw favur. Ir-rapport ġie b'hekk approvat u għalhekk għandu jibda l-proċess biex ikun ingaġġat is-Sur Malcolm Agius bħala Segretarju Eżekuttiv tal-Kunsill Lokali San Pawl il-Baħar.

4. **IS-SITWAZZJONI TAL-LATRINI**

4.1. L-Aġent SE ressaq komunikazzjoni li kien hemm mal-avukat dwar il-possibiltà li l-kuntrattur tal-latrini jitwaqqaf u ma jissejjaħx biex jiffirma l-kuntratt.

4.2. Huwa fakkar li l-fatt li ma kienx imsejjaħ biex jiffirma l-kuntratt kien minħabba li sa minn qabel ħa l-offerta kien qiegħed joffri servizz ħażin ħafna u l-ilmenti ma naqsu qatt.

4.3. L-Aġent SE fakkar ukoll illi:

4.3.1. Kien hemm komunikazzjoni riċenti mingħand MTA dwar l-istat diżastruż tal-latrina ta' fejn Ta' Fra Ben u li kaġun t'hekk il-Kunsill irriskja li jitlef il-Blue Flag. Informa li kieku ma ttiħditx deċiżjoni amministrattiva il-Ħamis ta' qabel li jintbagħtu l-ħaddiema tal-Kunsill, kieku sat-Tlieta l-Blue Flag kienet se tittieħed.

4.3.2. Kien hemm ilmenti ripetuti mill-MTA dwar l-istat ħażin ta' indafa fil-latrini kollha.

4.3.3. Kien hemm komunikazzjoni mill-Pulizija, apparti telefonati, dwar il-fatt li tifel b'kundizzjoni ta' awtiżmu li ġie msakkar f'waħda mil-latrini f'ħin li suppost il-latrini kienu għadhom miftuħin. B'riżultat il-bieb tal-latrina kellu jiġi sgassat minħabba wkoll li l-kuntrattur ma bediex iwieġeb telefonati mil-Aġent Segretarju Eżekuttiv.

4.4. Il-Kunsillier Tabone ippropona li l-Kunsill għandu jiddeċiedi li, la darba s-servizz mhux jingħata sewwa, għandu jieħu d-deċiżjoni li jwaqqaflu s-servizz. Issekonda l-Kunsill A Grima. Il-Kunsill qabel unanimament.

4.5. Is-Sindku infurmat li kienet avviċinata mill-MTA biex, għat-tliet xhur tas-sajf, joffru huma s-servizz tat-tindif ta' tlieta mis-sitt latrini. Madanakollu ma tawha l-ebda informazzjoni oħra. Għalhekk kien hemm qbil li s-Sindku għandha tindaga fid-dettal mal-MTA ħalli possibilment isir l-arranġament magħhom u b'hekk jingħata aktar nifs biex tinħareġ sejħa ġdida għall-offerti.

4.6. Il-Kunsill sadanittant qabel illi, jekk il-ħaddiema tal-Kunsill jaċċettaw, fejn ikun hemm il-ħtieġa, jiddaħħlu xogħol żejjed biex jitnaddfu t-tliet latrini l-oħra.

4.7. Il-Kunsill approva wkoll li tkun ippubblikata sejħa għall-offerti b'urġenza.

## 5. TMIEM IL-LAQGĦA

5.1. Fit-20:00 l-Kunsill qabel li jtemm il-laqgħa.

**Graziella Galea**
Sindku

**Paul Gatt**
Aġent Segretarju Eżekuttiv